MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 554/2013

**Il-Pulizija**
**(Spett. Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Emanuele Giunta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuele Giunta ta' 25 sena, iben Rosario u Vincenza Azzarelli, imwieled gewwa Modica fis-27 ta' Dicembru 1987, residenti gewwa Nru 61, Via Ungaretti, Pozzallo, Sqallija u detentur ta' karta tal-identita' Taljana bin-numru AS 4693117.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 t'Ottubru 2013:-

1) Biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta’ l-Art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta**,** kif ukoll

2) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u wissietu li l-piena massima kienet ta’ ghaxar (10) snin prigunerija u multa ta’ hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba’ u tmenin centezmu (€11, 646.87), u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena.**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-hati kkopera mal-pulizija, u l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-ufficjal prosekutur ddikjara li dan il-kaz huwa ta’ trafficking *by sharing* ai

termini tal-proviso ta’ l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fl-istqarrija tieghu, l-hati ammetta li huwa xtara l-cannabis dak il-lejl biex ipejjipha u nqabad mill-pulizija waqt li kien qed jaghti *joint* lil habib tieghu, li kien qieghed mieghu. Minn din l-istqarrija jirrizulta li l-elementi sabiex jista jinghad skond il-ligi li kien hemm trafficking *by sharing* huma sodisfacenti.

Ikkunsidrat ukoll illi t-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni stante li tikkostitwixxi mezz ghal fini ai termini ta’ l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e) 22(1)(a) u 22 (2) (b)(i) u (ii) u 22 (9) tal-Kapitolu 101 u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannah ukoll ghal multa ta’ hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas, ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini ta’ l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------